Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,580, 20 ta' Frar, 1998

Taqsima B

A.L. 63 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma - Dip. Hyd. - u għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. - in Water Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma - Dip. Hyd. - u għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. - in Water Studies.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xorta' oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istitut tal-Mediterran għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"id-Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Water Studies - Dip. Hyd.;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Science in Water Studies - M.Sc.; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għad-Diploma jew għall-Grad.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-kors li beda f'Ottubru 1993.

Kwalifiki għad-dħul

3. Kandidat ikun eliġibbli biex jirreġistra għall-Kors jekk hu:

(a) ikun kiseb l-ewwel grad b'mill-anqas it-tieni kategorija f'suġġett adattat mill-Universita' jew grad ekwivalenti minn universita' ta' barra magħrufa mis-Senat għal dan il-għan; jew

(b) jissodisfa id-dispożizzjonijiet tas-sotto-paragrafu (iii) tal-paragrafu (a) tar-regolament 2.2 tar-Regolamenti għad-Dħul u jkollu livell eċċezzjonali ta' esperjenza fil-qasam ta' l-idroloġija.

Il-Kors ta' l-istudji

4. (1) Il-Kors għandu jkun magħmul mill-erba' moduli li ġejjin:

Modulu 1: 5 Taqsimiet Studju b'Orjentament Individwali
Modulu 2: 9 Taqsimiet Studju Individwali fuq Bażi ta' Għerf
Modulu 3: 4 Taqsimiet Studju Individwali ta' Għerf Integrat
Modulu 4: 2 *Workshops* Individwali.

(2) Normalment kull taqsima studju għandha tkun magħmula minn 14-il konferenza ta' siegħa-il waħda, flimkien ma' 16-il siegħa ta' prattika li jistgħu jieħdu l-forma ta' *tutorials*, xogħol f'laboratorju u f'ħidma fuq il-post, u/jew assenjamenti.

(3) Modulu 1 - Taqsimiet Studju b'Orjentament Individwali: Dawn it-taqsimiet studju huma maħsuba sabiex jgħinu lil studenti li ġejjin minn speċjalizzazzjonijiet akkademiċi differenti biex jilħqu livell essenżjali ta' tagħrif biex ikunu jistgħu jsegwu l-Kors proprju.

(4) Valutazzjoni ta' l-isfond akkademiku ta' kull student għandha issir fiz-zmien tad-dħul fil-Kors u kull student għandu jingħata parir dwar liema Taqsimiet Studju b'Orjentament Individwali jkun meħtieġ jattendi.

(5) Modulu 2 - Taqsimiet Studju Individwali fuq Bażi ta' Għerf: L-għan ta' dan il-modulu hu li jagħti firxa wiesa' ta' taqsimiet studju li jwasslu għal komprensjoni ta' l-idroloġija.

(6) Modulu 3 - Taqsimiet Studju Individwali ta' Għerf Integrat: Dawn it-taqsimiet studju għandhom l-għan li juru l-metodi interdixxiplinarji li huma meħtieġa sabiex jilqgħu għall-isfidi tal-preżent u tal-futur fil-*Water Studies*.

(7) Modulu 4 - *Workshops* Individwali: It-tema ċentrali ta' dan il-modulu għandha tkun t-tiswir ta' strateġiji għall-*Water Resources Capacity Building*. Kull *workshop* individwali għandu jindirizza kwistjoni jew kwistjonijiet fl-*Integrated Resource Management*. Fejn ikun japplika, jiġi muri l-użu ta' Sistemi ta' *Management* ta' l-Informazzjoni.

(8) Il-Bord għandu jfassal katalgu ta' taqsimiet studju u l-kredti assenjati lil kull waħda. Il-Bord jista' jemenda dan il-katalgu minn żmien għall-zmien kif ikun meħtieġ, sakemm dan isir qabel il-bidu tas-sena akkademika.

Il-Valutazzjoni

5. (1) L-ewwel valutazzjoni tal-progress għandha issir permezz ta' test bil-miktub fi tmiem Modulu 1. Student li ma jgħaddix minn dan it-test bil-miktub għandu jkun meħtieġ joqgħod għal eżami *viva voce*.

(2) L-ebda kredti ma għandhom jingħataw għat-Taqsimiet Studju b' Orjentament Individwali, iżda t-tmiem b'suċċess ta' Modulu 1 għandu jitqies bħala prirekwiżit sabiex jitkompla l-Kors.

(3) It-taqsimiet studju f'Moduli 2 u 3 għandhom ikunu valutati individwalment skond il-progress milħuq permezz ta' assenjamenti u/jew test bil-miktub. Il-Modulu 4 għandu jkun valutat fuq il-bażi ta' *essay* ta' bejn 4,000 u 6,000 kelma fuq suġġett approvat li jkun sar waqt *Workshop*.

(4) Fil-valutazzjoni ta' taqsimiet studju individwali l-gradi ta' l-istudenti li jgħaddu għandhom jingħataw fuq skala minn A sa D, fejn A hija l-ogħla marka. F tindika li Weħel.

(5) Student li jeħel f'Taqsima Studju b'Orjentament Individwali jista' jitħalla joqgħod għat-tieni valutazzjoni.

(6) Il-valutazzjoni ġenerali tal-moduli rispettivi għandha ssir mill-Ko-ordinatur tal-Kors b'konsultazzjoni mal-letturi rispettivi li għallmu, u, meta xieraq, ma' letturi oħra skond kif ikun stabbilit mill-Bord.

Kors għall-Postgraduate Diploma

6. (1) Il-Kors li jwassal għad-Diploma għandu jintemm f'żewġ semestri ta' studju fuq bażi *full time* jew l-ekwivalenti tagħhom fuq bażi *part-time*. Il-Kors normalment għandu jestendi minn Ottubru sa Ġunju.

(2) Biex jingħata d-Diploma student għandu jkun meħtieġ jikseb:

(a) 9 kredti għal Taqsimiet Studju ta' Tagħrif Bażiku f'Modulu 2;
(b) 2 kredti għal Taqsimiet Studju ta' Tagħrif Integrat f'Modulu 3;
(ċ) kredtu għal *essay* ta' bejn 4,000 u 6,000 kelma fuq suġġett approvat mogħti waqt *Workshop* f'Modulu 4; u
(d) ta' l-anqas ikun għadda fl-Eżamijiet Finali Sinottiċi.

(3) Il-livell milħuq mill-istudenti għandu jingħata l-piż kif ġej:

Modulu 2:	40%
Modulu 3:	15%
Modulu 4:	10%
L-Eżamijiet Finali Sinottiċi	35%

(4) Ir-rizultati finali għandhom ikunu indikati b'gradi minn A sa D, A bħala l-ogħla grad u murija bħala Għadda b'Distinzjoni.

Il-Kors għall-Grad ta' Master

8. (1) Student ikun eliġibbli biex jirreġistra għall-Kors li jwassal għall-Grad jekk iġib grad ġenerali ta' A jew B fil-Kors li jwassal għad-Diploma. F'dan il-każ, l-istudent għandu normalment ikun meħtieġ jirreġistra għall-Kors li jwassal għall-Grad fi żmien tlett xhur mill-pubblikazzjoni tar-riżultati finali tal-Kors li jwassal għad-Diploma.

(2) Student li jiġi aċċettat fil-Kors li jwassal għall-Grad għandu jkun meħtieġ:

(a) jirreġistra u jtemm b'suċċess il-bqija tat-taqsimiet studju f'Modulu 3 li għandhom isiru matul it-tielet semestru ta' studju *full-time; u*

(b) jikteb dissertazzjoni fuq proġett ta' riċerka oriġinali.

(3) Meta jirreġistraw għall-Kors li jwassal għall-Grad l-istudenti għandhom jagħtu t-titolu propost tad-dissertazzjoni tagħhom u sunt tar-riċerka li se ssir għall-għan tad-dissertazzjoni. Il-proġett għandu jkun approvat mill-Bord li għandu wkoll jinnomina superviżur għal kull student.

(4) Id-dissertazzjoni għanda tiġbor ir-riżultati tal-proġett ta' riċerka, kritika tal-letteratura rilevanti u analiżi kritika tar-riżultati. Id-dissertazzjoni ma tridx tkun ta' anqas minn 10,000 kelma u normalment għandha tiġi sottomessa fi tmiem it-tielet semestru, izda fl-ebda każ aktar tard minn tmintax-il xahar minn meta jiġi aċċettat it-titolu tagħha. L-istudenti jistgħu jagħmlu l-proġett ta' riċerka u jtemmu l-kitba tad-dissertazzjoni fil-pajjiż rispettiv tagħhom.

(5) Il-Bord għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lis-Senat dwar il-ħatra tal-Bord ta' l-Eżaminaturi għad-dissertazzjonijiet.

(6) Jekk id-dissertazzjoni ma tilħaqx il-livell meħtieġ l-istudent jista' jkun meħtieġ jemendaha u jerġa' jissottomettiha f'perijodu ta' mhux aktar minn sena. Student jista' jkun meħtieġ jiddefendi d-dissertazzjoni tiegħu waqt eżami *viva voce*.

Il-Klassifikazzjoni u l-Għotja tal-Grad

9. (1) Il-livell milħuq mill-istudenti fil-Kors li jwassal għall-Grad għandu jingħata l-piż kif ġej:

Ir-riżultati miksuba fil-Kors li jwassal għad-Diploma	50%
Modulu 3: 2 taqsimiet studju li jifdal	10%
Id-dissertazzjoni	40%

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jgħaddu għandhom ikunu ppublikati f'ordni alfabetiku u kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.